MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Talba Numru. 1721/2004

**Zorin Properties Limited**

**Vs**

**Joseph Zammit**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' mija u tmenin lira Maltin (Lm180) li jirrapprezenta l-bilanc ta' senserija.

Ra r-Risposta tal-konvenut li qal:

a. Li m'huwiex il-legittimu kontradittur u m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici.

b. Li s-socjeta' attrici ma tat l-ebda servizz ta' senserija, u

c.	Bla pregudizzju li s-senserija thallset mill-venditur kif pattwit kemm fil-konvenju datat 4 ta’ Dicembru, 2003 u fl-att tal-bejgh datat 12 ta’ Mejju, 2004.

Ra d-dokumenti esebiti u sema’ x-xhieda.

Fix-xhieda tieghu Marco Farrugia ghas-socjeta’ attrici spjega li Darna Properties Limited ma tezistix izda Darna Properties huwa t-*trade name* li tuza s-socjeta’ attrici.

L-attur esebixxa bhala Dok. MF ftehim u qal li s-socjeta’ attrici rceviet elf lira Maltin (Lm1,000) bhala senserija u hu kien icempel lill-konvenut li qatt ma nnega li kellu jhallas dan l-ammont ta’ mija u tmenin lira Maltin (Lm180) izda kien jghid li kellu jkellem persuna ohra.

Fil-kontro-ezami Marco Farrugia kkonferma li Sue Bonnici ma tissemmiex fil-*memorandum* u *articles* tas-socjeta’ attrici u li f’Dok. MF m’hemmx indikazzjoni tal-post li kien se jinbiegh.  Marco Farrugia qal ukoll li kien cempel lil Joseph Zammit tlett darbiet u dejjem kien jghid li kien se jhallas.

Sue Bonnici qalet li tahdem ma’ Darna Properties bhala *negotiator* u li l-konvenut kien talab li hi tbiegh il-fond tieghu.  Hi sabet koppja li riedet tixtri, rrangaw fuq il-prezz u l-bejgh sar.  Hi ma kienetx prezenti la ghall-konvenju u lanqas ghall-kuntratt u dan billi kellhom hafna negozju mal-konvenut.   Fil-kontro-ezami Sue Bonnici qalet li m’ghandhiex rapprezentanza guridika tas-socjeta’ attrici.
In-Nutar Joseph Debono xehed li l-proprjeta’ in kwistjoni hija tieghu u hu ma ffirma ebda ftehim dwar senserija.  In-Nutar Debono qal li kien jaf li  d-Darna Properties Limited kellhom jiehdu xi haga tal-flus u li hu kien lest li jonera l-ftehim.  Hu kien hallas elf lira Maltin (Lm1,000) u hadd ma qallu li kien hemm VAT.  In-Nutar Debono qal li haseb li Joseph Zammit kien is-sensal hu stess.

Hija s-socjeta’ attrici li kellha tipprova li sar ftehim mal-konvenut li kellu jithallas elf mija u tmenin lira Maltin (Lm1,180) senserija nkluz VAT minghand il-konvenut.  Illi gie esebit ftehim mal-konvenut izda dan il-ftehim kien bejn

il-konvenut u d-Darna Properties. Ma jirrizultax li l-konvenut gie nfurmat li Darna Properties huwa t-*trade name* li bih is-socjeta' attrici topera bhala agenzija. F'dokument esebit bhala Dok. MF hemm referenza ghal *"shell first floor maisonette with air space"* izda m'hemmx indikazzjoni li din hija l-proprjeta' li fil-fatt inbieghet fit-12 ta' Mejju, 2004 (kuntratt esebit a fol 8 et seq tal-process). Illi inoltre ma jirrizultax li l-konvenut kien parti f'dan il-kuntratt ta' bejgh.

Fix-xhieda tieghu Marco Farrugia qal li kien kellem lill-konvenut fuq it-telefon u dan:

*"Qatt ma nnega li kellu jhallas mija u tmenin lira Maltin (Lm180).....hu kien jghidli li jrid ikellem persuna ohra li kien involut mieghu."*

Is-socjeta' attrici taghmel referenza ghal Dok. MF. Illi huwa risaput li f'kaz ta' skrittura l-vinkolu guridiku jemergi minnha u jorbot biss il-firmatarji taghha. Kull ftehim li jista' jkun hemm bejn wiehed mill-firmatarji u terzi li la ntervenew u lanqas issemmew fl-iskrittura, ma jistax ibiddel dawk ir-relazzjonijiet guridici li johorgu biss mill-istess skrittura. (Ara **Brincat Vs Saliba Appell Kummercjali 14/11/1983**).

Illi Dok. MF jorbot lill-partijiet ghal dak id-dokument u l-fatt li s-socjeta' attrici tuza t-*trade name* Darna Properties ma jfissirx li l-konvenut ghamel ftehim mas-socjeta' attrici. L-iskrittura hija bejn Darna Properties u l-konvenut. Jekk Darna Properties m'hijiex persuna guridika hija skrittura bejn il-konvenut u min iffirma ghan-nom ta' Darna Properties.

Minkejja dan l-attur xehed li hu kien cempel lill-konvenut u talbu jhallas mija u tmenin lira Maltin (Lm180). Skond l-attur il-konvenut qal li kien se jhallsu.

Illi l-konvenut naqas li jixhed.

Illi ghalhekk ir-relazzjoni guridika hija bbazata fuq it-telefonata bejn l-attur ghan-nom tas-socjeta' attrici u l-konvenut. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hi michuda.

Illi fit-tieni eccezzjoni l-konvenut jghid li s-socjeta' attrici ma tat ebda servizz ta' senserija. Illi jekk is-socjeta' attrici ma tat l-ebda servizz ta' senserija huwa difficli li jifhem ghaliex il-konvenut kien accetta li jhallas mija u tmenin lira Maltin (Lm180) lis-socjeta' attrici.

Illi fl-ahhar parti tar-Risposta l-konvenut jghid li s-senserija thallset mill-venditur. Illi ghalkemm huwa minnu l-venditur hallas elf lira Maltin (Lm1,000) dan ma jfissirx li l-konvenut jista' jinjora l-accettazzjoni da parti tieghu li jhallas mija u tmenin lira Maltin (Lm180) lis-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad ir-Risposta tal-konvenut u jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-imghax mis-16 ta' Settembru, 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------